# Skema ta' Kumpens lill-Investitur

***c/o L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta***
***Triq Notabile, Ħ'Attard BKR3000***

## Talbiet ta' kumpens b'rabta ma'
## *Maltese Cross Financial Services Limited*

## *Mistoqsijiet u Tweġibiet (M&T)*

---

### *Termini komuni li se tiltaqa' magħhom f'dawn il-M&T:*

| | |
|---|---|
| **"il-Kumpanija"** | **Maltese Cross Financial Services Limited** |
| **"l-Iskema"** | **Skema ta' Kumpens lill-Investituri** |
| **"MFSA" jew "l-Awtorità"** | **L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta** |
| **"Investitur" jew "min jagħmel it-talba għal kumpens"** | **klijenti tal-Kumpanija li fdaw flushom jew l-investimenti tagħhom mal-Kumpanija skont il-liċenzja tan-negozju mogħtija** |
| **"ir-Regolamenti"** | **ir-Regolamenti dwar Skema ta' Kumpens lill-Investituri - Avviż Legali 368 tal-2003** |

***Dawn il-M&T jistgħu jiġu aġġornati minn żmien għal żmien. Jekk jogħġbok żur is-sit [www.compensationschemes.org.mt](http://www.compensationschemes.org.mt) jew ċempel l-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri fuq 80074924 għal aktar tagħrif.***

### *1) Min hi l-kumpanija Maltese Cross Financial Services Limited u xi ġralha?*

Il-kumpanija Maltese Cross Financial Services Limited hi kumpanija Maltija reġistrata u li għandha liċenzja ta' Kategorija 2.

Fis-7 ta' Awwissu 2014, l-MFSA ħabbret li kienet issospendiet l-operat tal-Kumpanija b'effett immedjat.

Fil-11 ta' Awwissu 2014, l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji determinat li Maltese Cross Financial Services Limited għal raġunijiet li huma direttament relatati maċ-ċirkonstanzi finanzjarji tagħha, ma tistax taqdi l-obbligi tagħha li jirriżultaw minn talbiet magħmulin mill-investituri.

### *2) Xi jfisser dan għall-klijenti tal-kumpanija Maltese Cross Financial Services Limited?*

L-MFSA ddeterminat li l-inabilità ta' Maltese Cross Financial Services Limited li tħallas lura flus dovuti lil, jew li jkunu ta' investituri u miżmumin f'isimhom f'konnessjoni ma' negozju liċenzjat; jew li trodd lura lill-investituri strumenti li huma proprjetá tagħhom u miżmumin, amministrati jew immaniġjati f'isimhom f'konnessjoni ma' negozju liċenzjat.

X'aktarx li l-klijenti ta' Maltese Cross Financial Services Limited kellhom l-investimenti tagħhom reġistrati taħt wieħed minn dawn:

1. *f'isimhom stess:* Il-Kumpanija jaf xtrat l-investiment f'isem il-klijent. Fejn dan kien il-każ, u b'mod partikulari f'każ ta' investimenti ikkwotati fuq il-Borża ta' Malta ("MSE"), l-investitur jista' jikkonferma li dawn l-investimenti huma reġistrati kif jixraq f'ismu billi jagħmel talba lis-*Central Securities Depository* tal-MSE. Jekk dan huwa l-każ, inti tista' tamministra dawn l-istess investimenti permezz ta' intermedjarju finanzjarju liċenzjat ieħor.
2. *taħt nominee:* Il-Kumpanija jista' jkun li xtrat l-investimenti f'isimha stess għan-nom tal-investitur.

Fiż-żewġ każijiet, l-MFSA għaddejja bħalissa bl-investigazzjonijiet tagħha sabiex tara jekk il-Kumpanija wettqitx kif jixraq l-istruzzjonijiet mogħtija mill-klijenti tagħha.

### *3) X'inhi l-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri?*

L-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri hi fond ta' salvataġġ għall-klijenti ta' ditti falluti ta' investiment li huma liċenzjati mill-MFSA. Ir-Regolamenti tal-iSkema ta' Kumpens lill-Investituri jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità għal dan il-kumpens. Il-kumpens massimu li jista' jitħallas permezz tal-Iskema jammonta għal €20,000, jew disgħin fil-mija tat-talbiet għal kumpens mill-investitur, liema minnhom ikun l-inqas. Malli jitħallas il-kumpens, l-Iskema se tkun surrogata fid-drittijiet ta' dak li jkun qed jagħmel it-talba għal kumpens kontra Maltese Cross Financial Services Limited – dan ifisser li, meta tapplika biex tirkupra flus mingħand Maltese Cross Financial Services Limited, l-Iskema ser "tidħol fiż-żarbun" tal-investitur sa l-ammont ta' kumpens imħallas.

Id-drittijiet tal-investitur fir-rigward ta' ammonti oħrajn li għalihom ma ngħatax kumpens mill-Iskema la ser jgħaddu għand l-Iskema u lanqas ser jiġu preġudikati b'xi mod jew ieħor. Dan japplika wkoll għal dawk l-investimenti li għalihom l-investitur jagħżel li ma jinkludix fil-klejm tiegħu għal kumpens. Huwa għalhekk rakkommandabbli li l-investitur ifittex parir legali sabiex jiddetermina d-drittijiet legali tiegħu.

L-Iskema tfasslet fuq id-Direttiva 97/9 tal-UE dwar l-iskemi ta' kumpens lill-investitur.

### *4) L-investituri kollha tal-Kumpanija se jkunu eliġibbli li jingħataw kumpens mill-Iskema?*

Ġeneralment, l-investituri bl-imnut huma kollha eliġibbli għal kumpens.

Madanakollu, hemm għadd ta' investituri li mhumiex intitolati għal kumpens. Dawn jinsabu mniżżlin hawn taħt:

1. Persuni li qegħdin jagħtu servizz ta' investiment fl-ambitu tat-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, jew leġiżlazzjoni ekwivalenti jew simili barranija;
2. Istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu qegħdin jagħmlu kummerċ bankarju fl-ambitu tat-tifsira tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, jew leġiżlazzjoni ekwivalenti jew simili barranija;
3. Istituzzjonijiet finanzjarji fl-ambitu tat-tifsira tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, jew leġiżlazzjoni ekwivalenti jew simili barranija;
4. Impriżi tal-assigurazzjoni li jkunu qegħdin jagħmlu kummerċ tal-assigurazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-Att dwar il-Kummerċ ta' Assigurazzjoni u l-Att dwar il-*Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra, jew taħt leġiżlazzjoni ekwivalenti jew simili barranija;
5. Skemi ta' investiment kollettiv;
6. Fondi għall-pensjoni u min jirtira;
7. Kumpaniji li huma ta' tali daqs li mhumiex permessi li jfasslu karti tal-bilanċ imqassra skont l-Att dwar il-Kumpaniji, jew taħt leġiżlazzjoni ekwivalenti jew simili barranija;
8. Gvernijiet jew awtoritajiet amministrattivi, istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali;
9. Kunsilli jew awtoritajiet lokali u muniċipali;
10. Sigurtajiet fuq dejn maħruġin mill-istess istituzzjoni u responsabbiltajiet li jirriżultaw minn aċċettazzjonijiet ta' ħlas u noti promissorji;
11. Persuni li għandhom kontijiet li ma jixkfux l-identità tal-investitur;
12. Kumpaniji u soċjetajiet kummerċjali fl-istess grupp ta' min għandu l-liċenzja;
13. Diretturi u maniġers ta' min għandu l-liċenzja relevanti u membri ta' min għandu l-liċenzja b'responsabbiltà personali, persuni li għandhom ħamsa fil-mija jew aktar tal-kapital ta' min għandu l-liċenzja, l-awdituri ta' min għandu l-liċenzja u persuni tal-istess deskrizzjoni fir-rigward ta' kumpanija li tifforma parti mill-istess grupp ta' kumpaniji bħal min għandu l-liċenzja;
14. Qraba viċini, jiġifieri, axxendenti, dixxendenti jew il-mara jew ir-raġel tal-persuni msemmija f'paragrafu 13;
15. Investituri li għandhom xi responsabbiltà għal jew kienu ħadu vantaġġ minn ċerti fatti relatati ma' min għandu l-liċenzja li wasslu għad-diffikultajiet finanzjarji ta' min għandu l-liċenzja jew ikkontribwew biex is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha teħżien;
16. Investituri fir-rigward ta' operazzjonijiet li f'konnessjoni tagħhom ingħatat kundanna kriminali għal ħasil ta' flus skont l-Att kontra *Money Laundering*, jew taħt leġiżlazzjoni ekwivalenti jew simili barranija;
17. *Nominees*, *trustees* jew partijiet terzi oħra li jaġixxu f'isem jew fl-interess tal-persuni msemmija f'din l-Iskeda sakemm dawk il-fondi jinżammu f'dik il-kapaċità;
18. Investituri professjonisti u istituzzjonali.

Jekk inti investitur li użajt is-servizzi tal-Kumpanija u ma taqax taħt kwalunkwe waħda mill-kategoriji msemmijin hawn fuq, mela allura inti tista' tressaq it-talba tiegħek għal kumpens lill-Iskema.

## *5) Kif nagħmel talba għal kumpens mal-Iskema kontra Maltese Cross Financial Services Limited?*

L-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri ppubblikat avviżi fil-gazzetti kollha ewlenin biex tgħarraf lill-investituri eliġibbli dwar kif jistgħu japplikaw għal kumpens mill-Iskema.

Trid timla' l-formola tal-applikazzjoni jekk trid titlob kumpens. Il-formola tal-applikazzjoni titlob lil min qed jagħmel it-talba għal kumpens sabiex jagħti tagħrif ewlieni biex iwieżen it-talba tiegħu bħalma huma dettalji u evidenzi dwar l-investiment. Min qed jagħmel it-talba għal kumpens se jintalab ukoll jibgħat aktar evidenza sabiex iwieżen it-talba tiegħu, bħalma huma:

1. Verżjonijiet oriġinali tad-dokumentazzjoni relatata mal-investiment(i) (eż. nota kuntrattwali, ċertifikat ta' investiment, jew stqarrija) flimkien mar-rendikont bankarju li jagħti dettalji dwar is-somma investita fl-investiment(i);
2. Kwalunkwe tagħrif ieħor hekk kif mitlub mill-Iskema.

Aktar ma tagħti informazzjoni lill-Iskema, aktar ikun faċli biex l-Iskema tevalwa t-talba tiegħek għal kumpens. Din l-evidenza hi meħtieġa mill-Iskema sabiex tivverifika t-talba mill-investitur għal kumpens kontra kull evidenza oħra miżmuma mill-Iskema.

Importanti ħafna li timla l-formola sewwa. Jekk tħalli barra kwalunkwe ħaġa mill-informazzjoni mitluba, nerġgħu nibagħtulek il-formola lura. Dan jista' jtawwal il-proċess ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni tiegħek għal kumpens.

Fl-eventwalità li xi investitur m'għadx għandu n-nota kuntrattwali oriġinali b'rabta mal-investiment/i, minħabba li jew intilfet jew ma jafx fejn tinsab jew għadha ma ntbagħtitx mill-Kumpanija, l-investitur għandu jipprovdi lill-Iskema evidenza dokumentata oħra (bħalma huma immaġni ta' ċekkijiet, rendikonti bankarji jew riċevuta maħruġa mill-Kumpanija) li jixhdu li l-investiment sar tassew. Hu fid-diskrezzjoni tal-Iskema li tiddeċiedi jekk l-evidenza dokumentata mgħoddija hijiex sodisfaċenti jew le u kull talba għal kumpens se tiġi mistħarrġa fuq bażi individwali.

Il-formola għal talba għal kumpens, mimlija sew u ffirmata, għandha tintbagħat permezz ta' posta reġistrata jew titwassal bl-idejn kif ġej:

**Skema ta' Kumpens lill-Investituri**
**c/o L-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji**
**Triq Notabile**
**Ħ'Attard BKR3000**

**Suġġett: Talba għal kumpens b'rabta ma' *Maltese Cross Financial Services Limited***

**Dawk l-investituri li għadhom ma ressqux it-talba tagħhom għal kumpens jistgħu jagħmlu dan sa mhux iktar tard mill-31 ta' Jannar 2015. L-investitur ikun qed jitlef id-dritt tiegħu**

**għal kumpens mill-Iskema jekk il-formola tal-applikazzjoni ma tiġix sottomessa sad-data msemmija hawn fuq.**

### *6) Irrid inħallas xi flus sabiex l-Iskema tikkunsidra t-talba tiegħi għal kumpens?*

Le. L-Iskema ma titlobx ħlasijiet mingħand l-investituri sabiex jużaw is-servizz tagħha.

### *7) L-Iskema tkopri kemm kumpaniji kif ukoll individwi?*

Bosta mill-investituri bl-imnut huma koperti kemm jekk huma individwi kif ukoll kumpaniji. It-tweġiba tagħna għal Mistoqsija 4 ssemmi wħud mill-kategoriji ta' investituri li mhumiex koperti. Madanakollu, kumpaniji li għandhom il-permess li jippreżentaw karti tal-bilanċ imqassra skont l-Att dwar il-Kumpaniji huma wkoll koperti minn din l-Iskema.

### *8) B'liema mod l-Iskema se tiddetermina jekk iniex eleġibbli għal kumpens jew le?*

Ġaladarba l-Iskema tirċievi formola tal-applikazzjoni mimlija, din se tipproċedi sabiex tevalwa t-talba għal kumpens u tiddetermina jekk min qed jagħmel it-talba huwiex eleġibbli għal kumpens skont ir-regoli tal-Iskema.

Kull talba għal kumpens se titqies fuq bażi individwali, skont l-informazzjoni mressqa fil-formola tal-applikazzjoni flimkien ma' kwalunkwe evidenza mehmuża.

L-Iskema trid tiċċekkja b'reqqa kull talba għal kumpens u tiżgura li kull talba hi koperta mir-regolamenti qabel ma tkun tista' tipproċessaha u toħroġ rifużjoni skont it-termini tal-Regolamenti. Jekk m'intix eliġibbli għal kumpens skont ir-regolamenti, se ngħarrfuk bil-miktub u nfissrulek għala.

### *9) Kemm se jgħaddi żmien sakemm it-talba tiegħi għal kumpens tintlaqa'?*

Nagħtuk parir sabiex tressaq il-klejm tiegħek għal kumpens mill-aktar fis possibbli. Ġaladarba tagħmel dan, l-Iskema tkun tista' tipproċedi bil-pagament tal-klejm ivverifikata fi żmien tlitt xhur mid-data tad-deċiżjoni.

L-Iskema tista', f'ċirkustanzi eċċezzjonali, titlob lill-MFSA sabiex testendi bi ftit dan il-perjodu.

### *10) X'livell ta' protezzjoni tipprovdi l-Iskema?*

Il-kumpens massimu li jista' jitħallas permezz tal-Iskema jammonta għal €20,000, jew disgħin fil-mija tat-talbiet għal kumpens mill-investitur, liema minnhom ikun l-inqas. Malli jitħallas il-

kumpens, l-Iskema se tkun surrogata fid-drittijiet ta' dak li jkun qed jagħmel it-talba għal kumpens kontra Maltese Cross Financial Services Limited. L-ammont pagabbli hu rregolat skont l-Avviż Legali 368 tal-2003.

***11) Jeżistu mezzi disponibbli oħrajn ta' rimedju?***

L-investituri għandhom ifittxu parir legali meta jiġu biex jiddeċiedu jekk jaċċettawx il-kumpens mill-Iskema u meta jiġu biex iqisu jekk għandhomx mezzi disponibbli oħrajn biex jitolbu rimedju.

***12) X'jiġri jekk l-investiment hu bi sħab jew ma' fiduċjarju, jew l-investimenti tiegħi huma taħt nominee?***

Kontijiet bi sħab jinqasmu b'mod indaqs bejn id-detenturi tal-kont kemm-il darba m'hemmx x'juri x'inhu s-sehem ta' kull detentur tal-kont. Kull wieħed hu kopert sal-massimu deskritt hawn fuq, suġġett għal eliġibilità.

Fir-rigward tal-investimenti miżmuma minn persuna li taġixxi ta' *trustee* jew *nominee* għal persuna waħda jew aktar, l-investiment li jagħmel parti minn din it-talba għal kumpens għandu jitqies li jappartjeni lis-sidien benefiċċjarji b'mod indaqs sakemm ma jkunx hemm informazzjoni speċifika li tista' tiddetermina mod ieħor x'inhuma l-interessi benefiċċjarji ta' tali persuni. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jinkixfu b'mod sħiħ is-sidien benefiċċjarji tal-investiment bil-għan li titwieżen it-talba għal kumpens.

***13) Kif se jitħallas il-kumpens?***

L-applikazzjoni tiegħek għal kumpens se tkun ivverifikata b'reqqa sabiex jiġi determinat jekk intix eliġibbli jew le. Malli jkun stabbilit dan, l-Iskema se tgħarrfek bil-miktub li l-pagament jista' jsir bis-saħħa ta' surroga legali tad-drittijiet tiegħek favur l-Iskema.

L-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri, wara li tħallsek kwalunkwe kumpens, se tikseb d-drittijiet għall-klejm tiegħek kontra Maltese Cross Financial Services Limited u kontra xi terzi persuni oħra, fil-konfront unikament tal-ammont ta' kumpens li l-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri ser tkun qed tħallas lilek. Din is-subrogazzjoni tad-drittijiet ser tkun tfisser illi inti jibqagħlek id-dritt tirkupra ammonti oltre minn dak li ser tkun qed tikkumpensak l-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri.

Pagamenti fl-ewro jistgħu jsiru biss permezz ta' trasferiment bankarju. Inti tkun tista' tagħżel bejn li tirċievi l-pagament b'ċekk jew permezz ta' trasferiment bankarju għal muniti oħra.

L-Iskema hi obbligata li tħallas lill-investituri eliġibbli fl-istess munita tal-investiment tagħhom.